# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Frar 2001**

**Numru**
**Citaz. Nru. 828/93**

**Carmela Bonanno f'isimha u f'isem ohtha nterdetta Antonia Bonanno, u b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1993 stante l-mewt ta' Antonia Bonanno l-atti gew legittimati favur Carmela Bonanno u l-eredi universali Victoria mart Joseph Azzopardi**

**Vs**

**Perit Carmel Bonanno u John Mary Bonanno**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ippremettew:-

Illi l-attrici Carmela Bonanno u ohtha Antonia kellhom proprjeta`, gia` appartenenti lilhom u anke gejja minn wirt ta' giovanni Vella li miet fl-10 ta' Marzu, 1993;

Illi l-konvenut John Mary Bonanno, huhom, f'kolluzjoni ma' ibnu l-Perit Carmel Bonanno, marru ghandu l-atturi rikoverati l-Isptar San Vincenz (u waqt li l-istess Carmela Bonanno tinsab fil-pieni sensi taghha, Antonia Bonanno kienet diga' mentalment inkapaci, u kienu mexjin il-proceduri ghall-interdizzjoni taghha, li fil-fatt giet akkolta wara li l-Qorti semghet zewg periti psikjatri, u dan minhabba demenzja senili u hadu prokura generali minghandhom meta fil-fatt il-konvenuti kienu qed jipprezentaw il-htiega tal-prokura minhabba l-wirt ta' Ganni Vella u l-pratiki li kien hemm bzonn in konnessjoni ma' l-istess;

Illi l-attrici qatt ma riedet effettivament taghti l-fakolta` lill-konvenut John Mary Vella, li jiddisponi gratwitament minn gidha waqt hajjitha, li fil-fatt sar peress li John Mary Vella ittrasferixxa diversi beni immobili, inkluza d-dar ta' residenza, kwoti ereditarji lil ibnu l-konvenut Carmel Bonanno u dan permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tas-16 ta' April 1993; u ghalhekk dan il-kuntratt huwa vizzjat minhabba li sar b'qerq u frodi ta' l-

attrici Carmela Bonanno, fil-waqt li hu null u bla effett ghal dak li jirrigwarda lil Antonia Bonanno, peress li l-istess kienet diga` dementi ghalkemm mhux interdetta;

Illi l-attrici Carmela Bonanno ghandha kull interess li tittutela l-interessi ta' ohtha Antonia Bonanno, li s'issa ghadha minghajr kuratur;

Illi l-operat tal-konvenuti jikkostitwixxi frodi ghad-dannu ta' l-attrici *proprio et nomine*, u l-kunsens ottenut ghall-prokura li in forza taghha sar il-kuntratt precitat li bih gew spossessati mill-gid taghhom hemm imsemmi kien gie moghti bi zball, bi vjolenza, li b'ghemil doluz fil-kaz ta' Carmela Bonanno, u kontra l-ligi dwar Antonia Bonanno li ma kellhiex izjed l-uzu tar-raguni;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-kuntratt ta' donazzjoni ghal dak li jirrigwarda s-sehem ta' Carmela u Antonia Bonanno fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tas-16 ta' April 1993, bejn il-konvenuti John Mary Bonanno u Carmel Bonanno huwa null u bla effett minhabba l-izball, il-vjolenza, l-ghemil doluz, u n-nuqqas ta' uzu tar-raguni, kif fuq premess;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha huma eccepew:-

1. Illi d-domandi attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi Carmela Bonanno ma kelliex *locus standi* biex tidher ghan-nom ta' ohtha Antonia Bonanno stante li issa giet interdetta u gie nominat bhala kuratur taghha l-Avukat Dottor Philip Manduca b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Gunju 1993 u ghalhekk din il-kawza in kwantu tolqot lil Antonia Bonanno kienet nulla u bla effett fil-ligi;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess Carmela Bonanno u Antonia Bonanno taw prokura limitata precizament rigwardanti d-donazzjonijiet illi kellhom isiru favur il-konvenut skond dokument tal-15 ta' April 1993 hawn anness u immarkat bhala dokument CB1 biex b'hekk it-talbiet attrici kienu totalment infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta mill-istess prokura specjali redatta minn Nutar Dottor Tonio Spiteri wara d-debita cerzjorazzjoni ta' l-istess;

3. Illi l-prokura u l-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri tas-16 ta' April 1993 ma sarx b'qerq u frodi ta' l-attrici Carmela Bonanno u ta' Antonia Bonanno stante illi l-prokura specjali li huma ffirmaw giet spjegata lilhom fid-dettall ghal iktar minn darba minn Nutar Dottor Tonio Spiteri u dan ukoll quddiem terzi persuni;

4. Illi barra minn hekk kif jista' jigi pruvat u kkonfermat minn Nutar Dottor Tonio Spiteri, Antonia Bonanno kienet kompletament f'sensiha meta hija tat il-kunsens taghha ghad-donazzjonijiet li kellhom isiru;

Ghamlu wkoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-Decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 1994 fejn giet respinta l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti;

Rat in-nota u l-petizzjoni ta' l-Appell ta' l-istess konvenuti li hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-opportuna risposta ta' l-atturi;

Rat id-Decizjoni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Jannar 1997 li permezz taghha cahdet l-Appell u ikkonfermat l-imsemmija sentenza tas-7 ta' Marzu 1994;

Rat id-Decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talba attrici bl-ispejjez;

Illi l-Ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li kkonsidrat:-

Illi b'sentenza tas-7 ta' Marzu 1994 a fol. 32 din il-Qorti ddecidiet li ma kienx hemm necessita li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni stante li Antonia Bonanno mietet fil-mori tal-kawza u Carmela Bonanno barra li dehret f'ismiha proprju kienet se tidher f'isimha bhala usufruttwarja.

Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat din is-sentenza (ara fol. 69).

Dwar il-mertu tat-talba proprja ta' l-atturi l-Qorti se tezaminaha b'riferenza ghaz-zewg donanti, Antonia u Carmela Bonanno.

Rigward Antonia Bonanno, il-Qorti tirrileva li kienu nbdew il-proceduri ta' interdizzjoni fl-14 ta' April, 1993 (Dok a fol. 14) imbaghad kien sar il-kuntratt in kwistjoni fis-16 ta' April, 1993 u d-degriet tas-Sekond' Awla inghata fid-9 ta' Gunju, 1993 - fol. 16. Fir-rapport ta' l-espert psikjatra Dr. J. Pisani mahtur mill-Qorti a fol. 112 dan kien ezamina lil Antonia Bonanno ghal habta ta' April 1993 u kien sabha li ma kinitx fil-kapacita` mentali li tamministra hwejjigha u li taghmel l-attijiet tal-hajja civili. Professur Peter Muscat kien ezamina lil Antonia Bonanno qabel, fil-11 ta' Dicembru, 1992 ara fol. 111 u dan kien diga` sab lil Antonia Bonanno tbati minn *senile dementia* u dan il-mard mentali rrendiha nkapaci li tiehu hsieb l-affarijiet civili taghha u din il-kondizzjoni kienet rreparabbili u permanenti. Il-Qorti (Sekond' Awla ) b'digriet

tad-9 ta' Gunju, 1993 (ara fol. 16) kienet ghamlet taghha r-rapporti ta' l-esperti medici Dr. P. Muscat u Dr. J. Pisani u interdiciet lil Antonia Bonanno.

Il-konvenut Carmelo Bonanno kien jaf bil-proceduri ta' l-interdizzjoni izda xorta wahda ghamel il-kuntratt. Veru li d-digriet inghata wara li sar il-kuntratt izda l-marda kienet ilha hemm u kif xehed il-Professur Muscat ma tigiex mil-lum ghal ghada. Fil-fatt minn Dicembru, 1992 Antonia Bonanno diga` kienet inkapaci.

Il-konvenuti qed jissottometti li n-Nutar Spiteri kien kellem lil Antonia Bonanno u din dehret li fehmet u accettat izda fl-istess hin osserva illi hu principalment kien tkellem ma' Carmela Bonanno. Fil-fatt meta sar il-kuntratt Antonia Bonanno kienet qed tbati minn *senile dementia* u ma kinitx kapaci li tiehu hsieb l-affarijiet civili taghha. Ir-rapport ta' Dr. Pisani jindika f'liema stat kienet Antonia Bonanno fil-perjodu meta saret id-donazzjoni (ara fol. 112 sa 114).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li Antonia Bonanno ma kinitx f'posizzjoni li taghti prokura u titrasferixxi l-proprejta` taghha lill-konvenut Carmelo Bonanno f'April, 1993.

Rigward Carmela Bonanno l-konvenuti issottomettew li l-prokura u l-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri ma sarx b'qerq u frodi ta' l-atturi stante li l-prokura specjali giet spjegata lilha fid-dettal ghal aktar minn darba minn Nutar u quddiem terzi persuni.

Skond l-artikolu 974 tal-Kodici Civili jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz ma jkunx jiswa. Skond l-artikolu 981 l-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta. L-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt imma ghandu jigi ppruvat.

Il-Qorti trid tezamina jekk l-agir tal-konvenut kienx wiehed ta' natura frawdolenti u dan l-agir kienx il-kawza li gieghel lill-attrici tirrilaxxa l-prokura biex isir il-kuntratt relattiv.

Il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni principalment l-eta` ta' l-attrici, u l-istat mentali u ta' sahha taghha specjalment id-dipendenza kawza kompleta taghha fuq haddiehor ghal bzonnijiet kollha taghha.

Inoltre f'kaz ta' ghemil doluz li jkun jikkonsisti f'ingann, fejn il-forzi li jagixxu fuq il-kuxjenza u volonta` ta' dak li jkun, tant ivarjaw minn kaz ghall-iehor, il-ligi trid tigi umanizzata u personalizzata sa tali estent li jkun jista' jwassal biex jigi pruvat mhux biss il-qerq (li jista' jkun gie mistur b'manuvrar fin) imma anke l-effett fuq dak li fuqu jkun gie adoperat il-qerq - effett li f'kazi jigi prodott mill-ewwel u f'ohrajn biss wara xi zmien (ara sentenza App Civ. Calleja vs Xuereb et 19.6.91).

Fil-kaz in ezami Carmela Bonanno hi (proprjament kienet ghax mietet fil-mori tal-kawza) l-attrici

f'din il-kawza u hija stess bil-gurament taghha ddikjarat li l-konvenuti qarrqu biha u li hija ffirmat il-prokura ghax hasbet li din kienet necessarja minhabba l-wirt tan-neputi Ganni Vella u li hi ma riditx tittrasferixxi l-proprejta` taghha lill-konvenut. Hi kienet spjegat dan kollu lill-atturi l-ohra u anke lill-Avukat taghha, wara li kienet irrilaxxjat il-prokura.

Il-konvenuti qed jissottomettu li Carmela Bonanno kellha l-kapacitajiet mentali taghha kollha u riedet titrasferixxi l-proprjeta` taghha. Huma qalu li kif Carmela Bonanno ddisponiet mill-wirt taghha fil-21 ta' April, 1993 favur l-attrici l-ohra, hekk setghet taghmel fis-16 ta' April, 1993.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti tasal ghal konkluzzjoni li ghalkemm Carmela Bonanno kienet mentalment kapaci u f'certu sens u b'certi limitazzjonijiet, setghet tiehu hsieb l-affarijiet civili taghha izda hemm evidenza bizzejjed fl-atti li turi li hi ma kinitx konsapevoli ta' dak li qed tiffirma u ghal xhiex.

Hekk per ezempju meta mar ikellimha l-Avukat Brincat hi ma kinitx f'posizzjoni tispjegalu x'kienet iffirmat.

Lanqas ma jidher li kienet qed tiftiehem man-Nutar. Apparti n-nuqqas ta' ftehim dwar jekk setghetx tiffirma jew le, jirrizulta li l-kuntratt kien wiehed dettaljat u n-Nutar kellhu bzonn li jispjega diversi drabi lil Carmela Bonanno x'se jsir u jidher li alavolja spjegalha diversi drabi baqghet ma fehmitx. L-attrici dak iz-zmien kienet

persuna ta' 76 sena li kienet rikoverata l-isptar ghax ma tiflahx.

Jigi osservat li Carmela Bonanno iddisponiet minn sehemha mill-wirt li kien jispettaha minn Ganni Vella meta jidher li hi bilkemm kienet taf li miet. Fil-fatt Ganni Vella miet fl-10 ta' Marzu, 1993 u l-kuntratt sar xahar wara. Fil-kuntratt ta' donazzjoni hi suppost cediet sehemha mill-wirt ta' Ganni mentri fil-fatt hi ddikjarat bil-gurament li hasbet li kienet qed tiffirma biex tirranga l-affarijiet li qalulha li kellhom x'jaqsmu mal-wirt ta' Ganni.

Il-konvenuti ssottomettew ukoll li wara li Carmela u Antonia Bonanno hargu l-prokura in kwistjoni huma ghamlu testment fejn iddisponew mill-gid taghhom favur Joseph u Victoria Azzopardi. Kieku l-imsemmija ahwa Bonanno ma kellhomx il-volonta` libera ghat-trasferiment tal-proprjeta` imsemmija lil Perit Carmelo Bonanno lanqas ma kien ikollhom il-volonta` li jiddisponu minn gidhom bit-testment li ghamlu favur l-atturi odjerni.

Fuq dan il-punt l-Qorti tirrileva li Antonia Bonanno ghamlet it-testment taghha fl-10 ta' Settembru, 1991 (ara fol. 19) kwazi sentejn qabel ma giet interdetta u qabel ma ghamlet il-prokura.

Rigward Carmela Bonanno, il-Qorti tirrileva li kif Carmela Bonanno kienet kapaci li taghmel id-donazzjoni u anke li taghmel it-testment, hekk ukoll kienet kapaci li taghmel din ic-citazzjoni fejn bil-gurament taghha ddikjarat li kienet giet ingannata mill-konvenuti u ma kinitx qed tifhem x'qed tiffirma. Carmela Bonanno m'hiex qed tghid

li hadet zball izda li giet ingannata u li fil-hin meta ffirmat hi ma kinitx qed tifhem x'qed tiffirma.

Rat ir-Rikors tal-konvenuti fejn appellaw mill-imsemmija Sentenza; kif ukoll ir-Risposta ta' l-atturi appellati;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-atturi pprezentaw din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara null kuntratt ta' donazzjoni maghmul fis-16 ta' April 1993 minn Carmela u Antonia Bonanno favur il-konvenuti;

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti l-ewwel eccepew illi Carmela Bonanno ma kelliex *locus standi* u inoltre li t-talbiet attrici kienu totalment infondati;

Illi kif irrizulta aktar 'il fuq f'din is-Sentenza l-Ewwel Eccezzjoni giet deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u in segwitu giet konfermata minn din il-Qorti diversament preseduta;

Illi dwar il-meritu l-atturi jikkontendu li meta Carmela u Antonia Bonanno iffirmaw il-prokura li in forza taghha gie ippubblikat l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni, huma kienu ghamlu hekk bi zball u

kinet giet ezercitata fuqhom vjolenza da parti tal-konvenuti u li b'hekk kienu ikkomettew ghemil doluz;

Illi l-imsemmija Antonia u Carmela Bonanno kienu z-zijiet tal-kontendenti u ma kellhomx tfal taghhom u kienu jghixu wahedhom id-dar sakemm mardu u gew rikoverati l-ewwel fl-Isptar San Luqa u imbaghad San Vincenz de Paule;

Illi wara xi zmien inbdew proceduri biex wahda minnhom u cioe` Antonia tigi interdetta minhabba li ma kinitx aktar kapaci biex tiehu hsieb hwejjigha u proprju f'dawk il-granet il-konvenuti hadu ghandhom lin-Nutar biex jaghmlu kuntratt ta' donazzjoni izda minhabba cirkostanzi li mhumiex wisq cari dan il-kuntratt ma giex iffirmat u minfloku l-ahwa Bonanno iffirmaw prokura favur il-konvenut John Mary Bonanno biex dan ikun jista' jaghti b'donazzjoni lill-konvenut l-iehor diversi proprjetajiet immobiljari u anki oggetti mobiljari inkluzi oggetti ta' metall prezzjus, flus, kotba u titoli rapprezentanti flus; mill-process ma jidhirx x'beni kellhom b'kollox l-ahwa Bonanno pero` jidher li bl-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni huma riedu jaghtu b'dan it-titolu kemm il-kwota ereditarja mis-successjoni ta' John Vella kif ukoll kull kwota lilhom provenjenti mis-successjoni ta' l-istess genituri taghhom cioe` ta' Carmelo u ta' Marianna Bonanno; harsa lejn il-kuntratt malajr tindika illi ma kienx wiehed semplici, imma kien jirrikjedi hafna dettalji kemm dwar it-testaturi kif ukoll dwar dak li kien qed jigi donat. In-Nutar kien lesta abbozz b'dana kollu, u f'dan l-abbozz kien nizzel ukoll li Carmela Bonanno ma kinitx taf tiffirma u kien

ghalhekk li ha mieghu wiehed mill-iskrivani tieghu biex iservi bhala xhud; pero` gara illi meta kien iffirma kulhadd u waslu ghal din Carmela Bonanno, din irrifjutat li taghmel salib u qalet "*le, jiena niffima, ma naghmilx salib*". Meta n-Nutar kien qralha l-abbozz, dan id-dettal jidher li kien car u l-Qorti tifhem illi anke kieku kellu jaghmel din il-korrezzjoni relattiva ghal firma ma kinitx tirrikjedi wisq postilli. Ma jidhirx ghalhekk illi "*kelli kollox imharbat*" peress li skond ix-xhieda ta' dawk prezenti ma rrizultax li kien hemm xi differenzi ohra. Ghalhekk il-Qorti tifhem li kien hemm xi dizgwid fil-parti finali tal-laqgha u kien ghalhekk li saret biss prokura u ma giex iffirmat il-kuntratt; jigi rilevat li l-kuntratt gie iffirmat proprju l-ghada.

Illi mix-xhieda ta' l-istess konvenut Perit Bonanno jidher li huwa kien talab lill-espert Psikjatra Peter Muscat biex jattendi dakinhar tal-kuntratt imma dan ma marx; dwar dan il-punt ma ssemma' xejn fix-xhieda li ta l-istess Professur Muscat quddiem il-Qorti. Ma jistax ma jigix osservat illi l-imsemmi psikjatra ma tantx kien f'posizzjoni li jiddikjara illi l-ahwa kienu fi stat li setghu jaghmel kuntratt ta' donazzjoni in vista tal-fatt li huwa kien ezamina lil wahda minnhom is-sena ta' qabel u kien tant car u determinat fuq in-nuqqasijiet mentali taghha. Jigi wkoll osservat illi l-konvenut Perit Bonanno gab lill-istess Professur Muscat l-ghada stess presumibbilment bejn meta giet iffirmata l-prokura u qabel gie finalizzat il-kuntratt tad-donazzjoni, biex hu ikun jista' jezamina lil Carmela Bonanno; ma jidhirx b'dana kollu illi huwa mar jezamina lil Antonia Bonanno;

Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi l-kuntratt kien wiehed ta' donazzjoni u mhux testment li seta' jigi emendat; donazzjoni, meta titpogga in diskussjoni tirrikjedi aktar hsieb u ghandha tigi wkoll relatata mat-tip ta' relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet. Il-konvenut rabat din id-donazzjoni ma' impenn da parti tieghu li jiehu hsiebhom sa ma jmutu bil-kliem "*id-donatarju qed jobbliga ruhu versu d-donanti li jaccettaw li jipprestalhom il-kuri, servigi u assitenzi kollha necessarji inkluzi wkoll ghajnuniet finanzjarji f'kaz ta' bzonn tul hajjithom.*" Dan ma hux xenarju wisq verosimili meta jigi kkonsidrat l-istat prekarju ta' sahhithom u anki dak li xehed l-istess konvenut "*jiena minn dejjem kont close maz-zijiet ... kont narahom darba kull tlett xhur jew sitt xhur*"; il-konvenut ma rnexxilux jaghti aktar dettalji dwar dan il-"*closeness*" li kellu maz-zijiet, ghalkemm meta spiccaw l-Isptar beda jmur jarahom hafna aktar spiss;

Illi dwar il-validita` tal-firma ta' Antonia ma tantx hemm x'wiehed izid mal-kontenut tas-sentenza appellata. Din kien ilha zmien twil li kinet giet certifikata li ma kellix il-fakoltajiet mentali mehtiega. Huwa veru li ma kinitx tant giet interdetta imma x-xhieda tal-Professur Peter Muscat hija elokwenti bizzejjed, senjatament peress li tirreferi ukoll ghall-ezami li kien ghamlilha s-sena ta' qabel ghal dak li ghamlilha Dr. Joe Pisani (li kien gie nominat mill-Qorti wara r-rikors ghall-interdizzjoni); dan qed jinghad irrispettivament mill-fatt jew le jekk il-konvenuti kienux jafu bil-proceduri ta' l-interdizzjoni. Fi kliem l-ewwel sentenza: "*Ir-*

*rapport ta' Dr. Pisani jindika f'liema stat kinet Antonia Bonanno fil-perjodu meta saret id-donazzjoni.";*

Illi in kwantu jirrigwarda ghal firma maghmula minn Carmela Bonanno, din dehret li kinet fi stat ahjar u ghalhekk din il-kwistjoni tirrikjedi konsiderazzjonijiet aktar approfonditi. Fid-dikjarazzjoni taghha l-istess Carmela Bonanno allegat li meta ffirmat il-prokura hi kien minghaliha li kinet qed tiffirma biex isiru l-proceduri dwar il-wirt ta' l-imsemmi Ganni Vella. Illi l-atturi qalu li anqas biss kienu infurmawha bil-mewt ta' Ganni Vella biex ma jinkwetawiex, u n-Nutar stess meta gie mistoqsi jekk fil-fatt Bonanno kinitx taf qabel bil-mewt ta' dana Ganni Vella, stqarr illi hu ma kienx cert jekk hi kinitx taf qabel jew jekk gietx infurmata proprju dakinhar li kien prezenti hu. Illi ghalhekk jidher stramb kif l-ahwa Bonanno kienu ser jiddonaw xi haga li possibbliment anqas kienu jafu biss li wirtuha u certament (Ganni Vella kien miet ftit gimghat qabel) ma kienu jafu sewwa f'hix kinet tikkonsisti din l-eredita`;

Illi trid ukoll tinghata importanza xierqa lix-xhieda ta' Dr. Joe Brincat illi kellem lil Carmela Bonanno proprju ftit wara din il-prokura u l-kuntratt ta' donazzjoni. Ghalkemm trid tigi ikkonsidrata l-possibilita` li meta mar in-Nutar Spiteri l-ahwa Bonanno riedu jaghmlu dik id-donazzjoni, il-fatt li ftit wara Carmela Bonanno qaltlu li ma kellha ebda rieda li taghmel kuntratt ta' donazzjoni bhal dak, ma jistax jigi skartat; inoltre bhala rizultat kien kiteb lis-Supretendent ta' l-Isptar biex ma jhallix lill-Perit Carmelo

Bonanno jersaq aktar lejha – dan wara li l-istess Avukat Brincat kien insista li jkellem lil Carmela Bonanno wahedha proprju biex ikun jaf verament dak li kellha f'mohhha;

Illi jrid jigi mill-gdid konfermat illi l-konvenut ma tantx kien cert mis-sitwazzjoni u l-ghada tal-prokura, dakinhar stess lis-sar il-kuntratt tad-donazzjoni bis-sahha ta' l-istess prokura, huwa hass il-htiega illi jtella' lill-Professur Muscat l-isptar biex jezamina lil Carmela Bonanno u dan skond ix-xhieda tieghu sabha fi stat tajjeb; huwa tassew sinifikattiv illi l-konvenut ma hassx illi kellu jitlob lill-istess psikjatra biex jezamina lil Antonia Bonanno ghalkemm kinet fl-istess Sptar;

Illi dan kollu ma jirriflettix wisq tajjeb fuq l-agir tal-konvenut li certament kien jaf illi Antonia kinet xi ftit ghar minn Carmela – il-lejliet Carmela kinet ghamlet hafna domandi lin-Nutar waqt li Antonia ma qalet xejn;

Illi wara ezami bir-reqqa ta' l-atti kollha din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti li "*Carmela Bonanno mhix qed tghid li hadet zball izda li giet ingannata u li fil-hin meta ffirmat hi ma kinitx qed tifhem x'qed tiffirma.*"; il-valutazzjoni tax-xhieda maghmula mill-Ewwel Qorti qed tigi konfermata minn dina l-Qorti.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi dan l-Appell billi:-

Tichad ir-rikors ta' Appell ipprezentat mill-konvenuti u tikkonferma s-Sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fit-30 ta’ Ottubru 1998.

L-ispejjez jithallsu mill-appellanti.

Deputat Registratur